KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 - MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 - MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: www.sliema-malta.com

## LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAT-TMIEN LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 8

It-tmien laqgħa tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet il-Ħamis 27 ta' Ġunju 2013 fit-18.13pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Kris Busietta | Viċi Sindku |
| | Marianne Aquilina | Kunsillier |
| | Michael Briguglio | Kunsillier |
| | Antoinette Castaldi Paris | Kunsillier (Daħlet fis-18 :53) |
| | Lisa Cassar | Kunsillier |
| | Vivianne Galea Pace | Kunsillier |
| | Nicolai Gauci | Kunsillier (Daħal 18 50) |
| | John Pillow | Kunsillier |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Matthew Dimech | Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Assistant Principal |

*Is-Seduta bdiet b'din l-Agenda:*

1. *Approvazzjoni tal-Minuti*
2. *Materji konnessi mal-Minuti*
3. *Approvazzjoni tal-Pagamenti tal-Kontijiet*
4. *Rapporti mill-Kumitati u Sotto Kumitati*
5. *Każ ta' Stephen Buhagiar*
6. *Tender dwar żamma tal-Latrini Pubbliċi*
7. *Suġġerimenti mill-Kunsilliera*
8. *Aġġornament*

### 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni l-minuti tas-seduta 6_30/05/2013 għall-approvazzjoni.

1.2 Il-Kunsillier M. Briguglio ippropona li f'punt 8.2 tiżdied il-frażi 'Il-Kunsill qabel.' Kien hemm qbil dwar dan.

1.3 Il-Kunsillier M. Briguglio ippropona li ssir korrezzjoni f'punt 8.5 biex inżidu l-frażi 'Kien hemm qbil li nkellmu lill-Kazini tal-Banda dwar is-sitwazzjoni' għaliex kien intqal hekk. Kien hemm qbil dwar dan.

1.4 Il-Kunsillier M. Briguglio irrefera għal punt 8.7 u qal li għandu jitneħħa l-ħin imsemmi, u dan peress li l-laqgħat ma jsirux dejjem fl-istess ħin. Kien hemm qbil dwar dan.

1.5 Il-Kunsillier M. Briguglio talab li jinbidel punt 8.17 u isir 'Il-Kunsillier M Briguglio saqsa jekk għandux il-permessi kollha u li l-Kunsill għandu jimxi l-istess mod ma kulħadd u b'hekk nipproċedu meta jiktbilna d-Dipartiment tal-Artijiet'. Kien hemm qbil dwar dan.

1.6 Il-Kunsillier P. Radmilli irrefera għal punt 5.2, fejn qal li kien sar qbil li l-*insurance* tigi kkalkulata fuq *replacement value* kif gie suġġerit mill-awdituri.

1.7 Il-Kunsillier P. Radmilli irrefera għal punt 8.11 u qal li din għanda tiġi 'P Radmilli qal li huma la għandhom permess tal-MEPA, diġa spiċċa il-proċess ta taħdidiet mal-KNPD. P Radmilli qal li għandna nikomunikaw magħhom biex huma joħorġu soluzzjoni oħra, b'soluzzjoni li ma tostakolax il-bankina.'

1.8 Il-Kunsillier P. Radmilli qal li fis-seduta tat-30 ta' Mejju, hu kien avża li għas-seduta 7_11-06-2013 kien ha jkun imsiefer. Kien hemm qbil li jiżdied hekk wara punt 9.1 u jiġi skużat flok assenti.

1.9 Is-Sindku ppropona li jiġu approvati l-minuti tas-seduta 6_30-05-2013 hekk kif korretti. Il-Viċi Sindku issekonda. Kien hemm qbil unanimu għall-approvazzjoni mill-Kunsilliera preżenti. *Approvazzjoni tal-minuti 6_30/05/2013*

1.10 Is-Sindku ressaq għall-approvazjoni l-minuti tas-seduta 7_11 ta' Ġunju 2013. Il-Kunsillier M. Briguglio irrefera għal punt 1.6 u ppropona li jigi miżjud il-kliem 'It-tender għandu jinkludi aċċessibilta għal persuni b'diżabilta.'

1.11 Is-Sindku ppropona li jiġu approvati l-minuti tas-seduta 7_11-06-2013 hekk kif korretti. Il-Viċi Sindku issekonda. Kien hemm qbil unanimu għall-approvazzjoni mill-Kunsilliera preżenti. *Approvazzjoni tal-minuti 7_11/06/2013*

## 2. MATERJI KONNESSI MAL-MINUTI

2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv irrefera għas-sitwazzjoni tal-indafa tat-toroq u informa li l-Kunsill għad m'għandux risposta wara li sar l-appell il-PCRB. Il-Kunsill talab għal parir legali u waqt is-seduta nqrat il-konklużjoni ta' dan l-istess parir legali. *Knis fit-toroq*

2.2 Is-Segretarju Eżekuttiv spjega l-parir li ingħata biex din il-problema tissolva f'qasir żmien. Il-Kunsill jista joħroġ kuntratt temporanju permezz ta' sejħa għal kwotazzjonijiet sakemm il-PCRB jiddeċiedu u jinqata' l-appell. Għandhom jitnaqqsu numru ta' kenniesa u l-ħin tax-xogħol biex il-Kunsill ikun jista jimxi

ma dan il-parir legali. Għal kwotazzjonjiet ħadt ma jkun jista jappella u b'hekk il-proċess ikun jista jimxi. Il-Kunsill għandu joħroġ sejħa pubblika għal kwotazzjonijiet għal prezz ta' knis xahar b'xahar, għal perjodu massimu ta' erba xhur, b'kundizzjoni li jista jitwaqqaf meta jiġi deċiż l-appell.

2.3 Kien hemm qbil dwar dan il-proċess u l-Kunsill qabel ukoll li għandu jinħareġ l-avviż b'mod urġenti għal tmien t'ijiem biss.

2.4 Il-Kunsillier P. Radmilli saqsa kif ser tiġi miktuba din is-sejħa għal kwotazzjonijiet. Il-Viċi Sindku qal li l-aħjar jiġi miktub minn l-istess avukati li taw il-parir. Kien hemm qbil dwar dan.

2.5 Il-Kunsilliera L. Cassar saqsiet dwar l-*overtime* tal-kenniesa. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li flok disa minn nies qegħdin jintbagħtu erba' kenniesa, u dan waqt il-ħin normali tax-xogħol u mhux bħala *overtime*. Qal ukoll li kien se jinforma lill-Kunsil dwar dan għaliex is-servizz mhux qiegħed jiġi komplut u l-anqas il-ħaxix m'huma qegħdin jaqtgħu.

2.6 Il-Viċi Sindku qal li hu żgur li r-residenti jistennew li jkollhom it-toroq nodfa.

*Daħal il-Kunsillier N. Gauci għas-seduta 18.50*

2.7 Ġie nnotat li l-problema l-istess se tibqa min-naħa tal-*Cleansing Department* għaliex m'għandhomx riżorsi biżżejjed.

2.8 Is-Sindku qal li l-indafa tal-bajjiet taqa taħt l-*Cleansing Department*

*Daħlet il-Kunsilliera N. Castaldi Paris fis-18.53*

*Tindif tal-bajjiet*

2.9 Is-Sindku ippropona li l-ftit enerġija li għandhom jistgħu jużawa għat-tindif tal-bajjiet.

2.10 Il-Kunsilliera V. Galea Pace ipproponiet li tinħareġ tender għal tindif tal-bajjiet. Il-Kunsill qabel li din tiġi posposta ħalli niffukaw fuq il-problema tal-knis fit-toroq.

2.11 Il-Kunsillier M. Briguglio ippropona li l-Kunsill għandu jikteb lill-Ministeru tat-Turiżmu biex iżidu aktar nies u effiċjenza fit-tindif tal-bajjiet. Il-Kunsill qabel li għandu jikteb lill-Ministru tat-Turizmu, b'kopja lill-Ministru Joe Mizzi.

2.12 Il-Viċi Sindku qal li għas-sena d-dieħla l-Kunsill għandu jibda l-proċess għall-kuntrattur privat għat-tindif tal-bajjiet. Kien hemm qbil dwar dan.

*Rampa fi Triq Dingli*

2.13 Is-Sindku irrefera għat-talba li l-Kunsill kellu dwar bini ta' rampa fi Triq Dingli fejn bagħtu diżinn ieħor bħala alternattiva li tiġi aktar dejqa minn kif kienet qabel. Huma qalu li diġa kien ingħata permess għal rampa għall-quddiem il-Maltapost, fl-istess triq. Il-Kunsilliera M. Aquilina qalet li l-Kunsill għandu jkollu garanzija li din ir-rampa se ssir skont id-diżinn. Is-Segretarju Eżekuttiv ta' il-parir, li l-Kunsill għandu jitlob garanzija bankarja u wara li titlesta tiġi mkejjla u jekk tkun skont id-diżinn tiġi rilaxxata l-garanzija bankarja.

2.14 Il-Viċi Sindku ppropona li l-Kunsill għandu jagħti permess b'mod temporanju li tkun għad-deskrezzjoni tiegħu, tintalab garanzija bankarja u ssir skont id-diżinn u jitħalla aċċess għall-persuni b'diżabilita.

2.15 Is-Sindku qal li l-bankina hija wiesgħa biżżejjed li tiflaħ ssir rampa.

*Il-Kunsilliera P. Portelli u N. Gauci ġew skużati mis-seduta fis-19.14 għaliex kellhom jinżlu fuq il-post dwar l-attivita tal-SSAF.*

2.16 Il-Kunsill qabel li għandu jagħti l-permess temporanju u jkun deskrezzjoni tal-Kunsill u bil-fakulta li jirtirah jekk ma ssirx skont id-diżinn a bażi li l-parti tal-bankina tibqa aċċessibbli.

2.17 Il-Viċi Sindku qal li kull każ għandu jiġi ttratat għalih, biex b'hekk din id-deċiżjoni ma tistax tiġi interpretata bħala preċedent. Kien hemm qbil dwar dan.

2.18 Il-Kunsillier M. Briguglio saqsa dwar il-laqgħa li kellha ssir mal-Ministru H. Herrera dwar d-diżabilita. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li għadna qegħdin nistennew risposta. *Laqgħa mal-Minsitru Herrera dwar id-diżabilita*

2.19 Il-Kunsillier M. Briguglio fakkar dwar it-tabelli għall-użu tal-bicycles. Il-Kunsilliera L. Cassar qalet li l-Kunsill għandu joqgħod attent kif jagħmel il-kliem għat-tabella u l-aħjar tkun li wieħed għandu jkollu rispett lejn min qiegħed juża ir-roti. Ir-raġuni hi li mhux jiġi xi ħadd minbarra u jkun mingħalih li huwa *safe* u jżomm il-Kunsill responsabbli jekk jinqala xi inċident. *l-użu tal-bicylces*

2.20 Il-Kunsillier J. Pillow ippropona li l-Kunsill għandu jsaqsi lil GreenPak biex titwaħħal tabella fejn *il-bring in sites*, bħal 'Tarmix il-borża sewda hawn, li jekk wieħed mill-iskips ikun mimli ma jintefax skart fl-art' u twissijiet oħra simili. Din it-tabella għandha tkun fuq *platform* ħadranija. Il-Kunsill qabel dwar dan. *Tabella bi twissijiet għal madwar il-bring in sites*

2.21 Il-Kunsillier J. Pillow ġibed l-attenzjoni li l-ħaddiema tal-Kunsill għandhom jżommu mal-ġranet u l-ħinijiet biex jinħareġ l-iskart.

## 3. APPROVAZZJONI TAL-PAGAMENTI TAL-KONTIJIET

3.1 Il-Kunsillier J. Pillow qal li l-*attendant* tal-latrini pubbliċi mhux qegħdin ikunu hemm b'mod regolari. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li niżżlu anke *on site* u ma sabu lil ħadd. *Latrini Pubbliċi*

3.2 Il-Kunsill talab kjarifika ta' liema bins qegħdin jiġu mbattla. Il-Kunsill irrefera għall-pagament numru 20 f'isem *Director General Works* għat-tbattil ta' bins u qabel li jinżamm *on hold*. *Tbattil ta' bins*

3.3 Il-Kunsillier P. Radmilli irrefera għall-pagament f'isem Lawrence Cassar għal tiżjin ta' siġra fi Triq Dingli għal żmien il-Milied u qal li l-ispiża hija għolja. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li din ġiet diskussa diga dak iż-żmien. *Tiżjien tal-Milied*

3.4 Il-Kunsillier J. Pillow irrefera għal kont pagabbli lil Vinto dwar il-materjal tal-ħaddiema. Ġie ppreżentat il-kont waqt is-seduta fejn ġie spjegat li dan il-

materjal huwa ta' tlett xhur u jintuża kemm mil-ħaddiema tal-Kunsill għal xogħol ta' Kunsill kif ukoll għal manutenzjoni tal-promenade.

3.5 Il-Kunsillier J. Pillow saqsa dwar il-pagament pagabbli lill-ELC. Ġie nnotat li kien hemm kwotazzjoni u l-pots tpoġġew fi Triq Dingli ma' Triq it-Torri.

3.11 Is-Sindku ippropona li jiġu approvati l-pagamenti minbarra numru 20 pagabbli *Director General Works Division* dwar tbattil ta' bins. Il-Kunsillier M. Briguglio issekonda. Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera preżenti għall-approvazzjoni. *Approvazzjoni tal-pagamenti*

*Il-Kunsilliera P. Portelli u N. Gauci daħlu lura għas-seduta fis-19.51*

## 4. RAPPORTI MILL-KUMITATI U SOTTO KUMITATI

4.1 Il-Kunsillier P. Portelli fakkar dwar il-*launch* li se ssir tal-SSAF nhar il-Ġimgħa fis-7 ta' filgħaxija fi Ġnien Indipendenza. Il-Kunsillier Portelli irringrazzja lis-Segretarju Eżekuttiv tal-assistenza kollha li ta' matul il-preparazzjonjiet għal din l-attivita. *SSAF – Launch*

4.2 Il-Viċi Sindku fakkar li l-Kunsill għandu jagħmel *follow up* mal-Lands dwar id-devoluzzjoni tax-xelter *Devoluzzjoni tax-xelter*

4.3 Is-Sindku informa li għal laqgħa tar-reġjuni reġa ma kienx hemm kworum.

4.4 Il-Kunsillier N. Gauci issuġġerixxa li l-Kunsill għandu jerġa jorganizza *Maritime Day* għaliex li l-Kunsill kien organizza kellha tiġi kkanċellata. Il-Kunsill qabel u għanda ssir laqgħa biex tiġi organizzata. *Maritime Day*

4.5 Il-Kunsillier N. Gauci xtaq li jiskuża ruħu tal-atteġjament li wera fl-aħħar laqgħa. Il-Viċi Sindku irreċiproka u skuża ruħu ukoll.

## 5. KAŻ TA' STEPHEN BUHAGIAR

5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-Kunsill irċieva d-deċiżjoni tal-Qorti dwar dan il-każ fejn il-każ inqata' kontra l-Kunsill u l-Kunsill għandu jħallas is-somma ta' Euro 39,713,96 lis-Sur Stephen Buhagiar. Kien hemm qbil li dan għandu jsir mill-ewwel ħalli l-interessi ma jibqgħux telgħin.

## 6. TENDER DWAR IŻ-ŻAMMA TAL-LATRINI PUBBLIĊI

6.1 Is-Sindku qal li r-responsabbilita tal-manutenzjoni ta' dawn il-latrini hija tal-Kunsill. Informa li d-dawl u l-ilma jitħallas mis-CSD. Is-Segretarju Eżekuttiv issuġġerixxa li l-Kunsill jagħmel sejħa għal tender għal manutenzjoni kif gej:

1. Li m'għandux ikun hemm *attendant* il-ħin kollu u jmur biss biex inaddaf tlett darbiet kuljum fix-xitwa, filwaqt li fiż-żmien tas-sajf ikun hemm *attendant* prezenti.
2. Jekk jinkiser xi ħaġa titbiddel min-naħa tal-kuntrattur

3. Il-prezz jingħata jew ammont wieħed għal latrini kollha f'Tas-Sliema jew b'mod individwali għal kull latrina u l-Kunsill jagħżel l-aħjar.

6.2 Il-Kunsill qabel li għandu jiġi ppreparat it-tender wara taħdidiet fil-Kumitat Offerti Pubbliċi u sadanittant jsir il-manutenzjoni fiżika fil-latrini.

6.3 Il-Kunsillier M. Briguglio qal li l-ilma tas-*shower* li hemm Ferro Bay qiegħed jinħela. Kien hemm diskussjonjiet jekk is-showers għandhomx ikunu bi ħlas. Il-Kunsill qabel li s-*shower* jinghalaq. Il-Kunsillier P. Portelli issuġġerixxa li anke r-rolls ta' *toilet paper* ikun bi ħlas żgħir ta' 20c u jkunu f'*dispenser*.

6.4 Il-Kunsillier N. Gauci issuġġerixxa li għandu jkun hemm *cameras* fuq in-naħa ta' barra tal-latrini publiċi.

6.5 Il-Kunsilliera L .Cassar issuġġeriet li l-Kunsill għandu jibgħat lil tal Comtec jew xi ħadd minħabba li l-werdien li qiegħed ikun hemm speċjalment fil-latrina ta fejn l-Għassa tas-Sliema.

6.6 Kien hemm qbil li dettalji bħal dawn u oħrajn jistgħu jiġu diskussi waqt bord biex jiġi preparat *draft tender*.

6.7 Il-Kunsillier P. Portelli qal li ġie nnotat li t-turf li hemm fi Ġnien Qui Si Sana qiegħed jiġi msaqqi b'pestiċidi li jistgħu jikkawża cancer. Il-Kunsillier Portelli ressaq dan wara li ra l-preokkupazzjoni minn diversi ġenituri permezz ta' *facebook*. Kien hemm diskussjonjiet jekk dan għandux jitneħħa u l-Kunsillier P. Radmilli issuġġerrixa li minnflok jiġu mħawwla siġar ta' indiġeni Maltin. *Turf fi Qui Si Sana*

6.8 Il-Kunsillier M. Briguglio żied jgħid li kemm il-darba saqsa lil ELC jekk dan hux ta ħsara lin-nies u ma nghata l-ebda tweġiba konkreta. Il-Kunsillier P. Radmilli qal li l-Kunsill għandu jieħu deċiżjoni jekk il-Ġnien jidhirx sabiħ biss jew ikun ta' detriment tas-saħħa. Il-Kunsillier M. Briguglio talab biex issir laqgħa mal-ELC. Il-Kunsillier J. Pillow għandu jgħamel laqgħa ma Dr. Cuschieri dwar dan kollhu. Il-Kunsillier M. Briguglio qal li hu jaqbel li tinsab soluzzjoni alternattiva. *Laqgħa ma ELC*

6.9 Kien hemm qbil li l-laqgħa annwali tal-lokalita ssir nhar it-Tlieta 9 ta' Lulju fis-6 ta' filgħaxija. *Laqgħa Annwali tal-Lokalita*

## 7. SUĠĠERIMENTI MILL-KUNSILLIERA

7.1 Dan l-item ġie pospost għal seduta oħra.

## 8. AĠĠORNAMENT

8.1 Il-laqgħa ntemmet fit-20.35 u l-Kunsill aġġorna għal nhar it-Tnejn 15 ta' Lulju 2013 fis-6pm għal suġġerimenti mil-Kunsilliera.

Minuti approvati llum 25/07/2013

Anthony Chircop
Sindku

Matthew Dimech
Segretarju Eżekuttiv